A.L. 161 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2005 għall-Għażla ta' l-Applikanti għad-Dħul fil-Kors Preparatorju għad-Diploma in Health Science skond l-Ordinamenti ta' l-2005 għad-Diploma in Health Science – Dip. Health Science – taħt il-patroċinju ta' l-Institute of Health Care

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-Institute of Health Care bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

L-Applikabilita'

1. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-qasam ta' studju Nursing Studies fil-korsijiet preparatorji li jwasslu għad-dħul fid-Diploma in Health Science taħt il-patroċinju ta' l-Institute of Health Care li jibdew f'Ottubru 2004 jew wara.

L-Għażla ta' l-Applikanti

2. Kull meta l-għadd ta' studenti li jistgħu jidħlu fil-qasam ta' studju Nursing Studies ikun limitat mis-Senat skond il-provvedimenti ta' l-ordinament 9 ta' l-Ordinamenti ta' l-2005 għad-Diploma in Health Science, u l-għadd ta' applikanti eliġibbli għal dan il-qasam ta' studju jaqbeż l-għadd ta' postijiet disponibbli, l-għażla ta' l-applikanti ssir skond il-kriterji mniżżla fl-ordinament 3.

Il-Kriteriji għall-Għażla

3. (1) L-applikanti għall-qasam ta' studju Nursing Studies li jissodisfaw ir-rekwiżiti għad-dħul kif imniżżla fl-ordinamenti għall-kors jingħataw punti għall-kwalifiki tagħhom fil-Malti, l-Ilsien Ingliż, il-Matematika, suġġett tax-Xjenza u l-aħjar riżultat f'żewġ suġġetti oħra, miksuba f'xi wieħed mil-livelli indikati. Il-punti jingħataw kif ġej:

Punti	Gradfil-Livell Avvanzat	Grad fil-Livell Intermedju	Grad fil-Livell SEC	Grad fil-Livell Ordinarju tal-GCE	Grad mil-Mother Teresa College
30	A				
24	B				
18	C				
12	D				
10		A			
8		B	1		
6	E	C	2	A	A
5			3		
4			4	B	B
3			5	C	C

(2) Jekk l-applikanti jgħaddu aktar minn darba fl-istess suġġett, jitqies l-aħjar grad biss. Is-suġġetti jistgħu jkunu offruti f'livell wieħed biss.

(3) Għall-għan ta' l-għażla, jitqiesu biss il-kwalifiki miksuba sal-31 ta' Awwissu ta' qabel ma jibda l-kors.

(4) Jekk l-applikanti li jaqaw fl-aħħar grupp eliġibbli bl-istess għadd ta' punti jkunu tali li l-għadd totali ta' applikanti biex jidħlu jaqbeż l-għadd ta' postijiet stabbilit mis-Senat, l-applikanti f'dak il-grupp ikunu intervistati minn bord *ad hoc* maħtur mill-Bord ta' l-Institute of Health Care biex jimtlew il-post/postijiet li jibqa'. Il-bord *ad hoc* jista' jikkonsidra kwalifiki addizzjonali għal dawk indikati fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament.